MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru 1182/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**

**vs**

**Karamo Dukure**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Karamo Dukure ta’ 34 sena ta’ Nazzjonalita’ minn Guinea, iben Vangome u Makula imwieled gewwa Bayla Guinea f’1976 u residenti gewwa Hal Far open centre, Police Boat number 09F.022 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer nhar il-09.11.2010 u granet qabel f'Malta f'hinijiet differenti

a) Ghamel uzu jew attentat jaghmel uzu minn passaport u residence permit mahrug lil persuna ohra, u dan bi ksur tal-Artiklu 4 ta' Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Taht l-istess cirkostanzi, f'Malta ghedt jew gieghelt taghti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal tal-Immigrazzjoni. U dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Novembru 2010(esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tal-11 ta' Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 32 (1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------